MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 961/2009/1

**Avviz Nru. 961/2009/KPS.**
**Carmel Fenech (ID 203453 (M) u Bernard Fenech (ID 103782 (M)).**

**vs.**

**Philip Petroni (ID 134652 (M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-11 ta' Jannar 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar presjedut mill-Gudikatur Dr. Katya Psaila Savona giet ippronunzjata s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal.*

*Ra l-verbal ta' nhar il-11 ta' Novembru 2010 fejn, fost affarijiet ohra, dana t-Tribunal laqa' t-talba ghall-isfilz tar-rispostaipprezentata mill-konvenut.*

*Ra ukoll il-verbal tal-udjenza ta' nhar l-1 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rapprezentant legali tal-konvenut talab il-konnessjoni tal-kontro talba mal-kawza odjerna u dana peress illi tali kontro talba hija ghal kollox indipendenti mir-risposta sfilzata u tibqa' fis-sehh anke fkaz li t-talba tigi ceduta jew ammessa.*

*It-tribunal ra r-risposta tal-attur ipprezentata nhar l-14 ta' Dicembru 2010 illi biha oppona l-istess talba.*

*Ikkunsidra:*

*Illi dana l-provvediment huwa dwar it-talba tal-konvenut sabiex, minkejja l-isfilz tar-risposta tieghu, tigi konnessa l-kontro-talba ipprezentata minnu.*

*Illi skont il-ligi ritwali, il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni ossija kontra-talba, ghandu jaghmel il-kontro-talba tieghu fir-risposta bil-miktub ghar-rikors guramentat jew le* ***(artikolu 398 (1) Tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*** *Ghalhekk huwa car illi skont il-procedura il-kontro-talba ghandha biss tigi proposta fl-istess att gudizzjarju li bih tigi ipprezentata r-risposta u ghalhekk ladarba dana t-Tribunal gja sfilza r-risposta pprezentata tardivament mill-konvenut, il-konvenut ma jistax issa jippretendi illi l-kontro-talba annessa mar-risposta sfilzata ghadha tifforma parti mill-atti processwali ta' din il-kawza.*

*Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' it-talba tal-konvenut.*

*Illi ghal dak illi jirrigwarda l-episodju dwar l-isfilz tar-risposta tal-konvenut, it-Tribunal jinnota illi ghalkemm l-Att dwar it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (**Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta**) jippermetti lill-gudikatur sedenti jirregola l-procedimenti quddiemu kif jidhirlu xieraq u ghalhekk jippermetti certu latitudni, il-procedimenti huma xorta wahda ta' natura sommarja u l-kawzi quddiemu*

*ghandhom jinstemghu u jigu decizi kemm jista' jkun minghajr dewmien (**artikolu 9**). L-imgieba tal-konvenut mill-bidu tal-kawza s'issa, senjatament in-nuqqas da parti tieghu illi jirrispetta t-termini kollha mposti minn dan it-Tribunal, qieghda twassal biex kuntrarjament ghal dak illi trid il-ligi, din il-kawza titmexxa bl-iskossi. Dan it-Tribunal mhuwiex dispost illi jittollera aktar din l-imgieba.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tal-konvenut ta' nhar l-1 ta' Dicembru, 2010 hija michuda".*

Illi sar appell min dan il-provediment mill-appellant/konvenut Philip Petroni skont rikors tieghu datat 31 ta' Jannar 2011 fejn qed isostni li ghalkemm ir-risposta tieghu giet sfilzata, l-kontro-talba baqghet tezisti peress li hija ghandha hajja awtonoma u ma gietx sfilzata, u ghalhekk fic-cirkostanzi hemm kontro-talba li tekwivali ghal kawza separata u ghalhekk minhabba li din hija intimament konnessa mat-talba attrici ghandu jkun hemm il-konnessjoni tal-kawzi skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 397 tal-Kap. 12** u ghalhekk it-talba ghall-konnessjoni tal-kawzi skont l-**artikolu 402** ghandha tigi milqugha u ghalhekk talab li jigi revokat id-digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar datat 11 ta' Jannar 2011 u tawtorizza l-konnessjoni tal-kontro-talba mal-kawza attrici.

Illi l-atturi opponew ghall-istess kif irrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2011.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li l-avviz tat-talba attrici datat 8 ta' Frar 2010 gie notifikat bil-procedura tal-affisjoni u pubblikazzjoni, l-ahhar pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali fl-24 ta' Marzu 2010 (fol. 22) u ir-risposta giet prezentata fl-20 ta' April 2010 (fol. 24) flimkien mal-kontro-talba (fol. 26) u peress li jirrizulta li tali risposta ma gietx prezentata fit-terminu moghti mil-ligi skont ir-**regolament 4 (2) tal-L.S. 380.01**, (fatt ammess fir-risposta tal-konvenut datata 25 ta' Mejju 2010 – fol. 39) u b'digriet datat 11 ta' Novembru 2010 it-Tribunal Ghat- Talbiet Zghar iddecieda li r-risposta

(eccezzjonijiet tal-konvenut) tigi sfilzata, proprju ghaliex tardiva u b'hekk laqa' t-talba tal-atturi fir-rikors taghhom datat 29 ta' April 2010 (fol. 29).

Illi sussegwentement il-konvenut fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2010 talab li in vista tal-isfilz tar-risposta li jkun hemm il-konnessjoni tal-kontro-talba mal-kawza odjerna, talba li giet opposta mill-atturi permezz ta' risposta datata 14 ta' Dicembru 2010 (fol. 99).

Illi bid-decizjoni citata tal-11 ta' Jannar 2011 it-Tribunal ghat- Talbiet iz-Zghar cahad it-talba tal-konvenut u ghalhekk sar l-appell odjern fuq il-binarji ndikati.

Illi din il-Qorti thoss li l-appell huwa bla ebda fondament guridiku u dan peress li ladarba r-risposta tal-konvenut ghall-avviz kienet tardiva u ghalhekk giet sfilzata, mela allura l-kontro-talba li setghet tigi pprezentata biss mal-istess risposta, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 398 (1) tal-Kap. 12** kienet tardiva wkoll, u la darba gie degretat l-isfilz tal-istess risposta tal-konvenut, dan necessarjament jimporta u jwassal ghall-isfilz tal-kontro-talba. Illi dan huwa bizzejjed sabiex l-appell jigi michud u qed jigi michud.

Illi pero` jinghad ukoll li t-talba tal-konnessjoni tal-kawza ma tistax tissussisti f'xenarju meta hemm kawza u kontro-talba u dan ghaliex id-disposizzjonijiet tal-kontro-talba stess huma tali li jittrattaw kollox fl-istess procedura (kif jidher mill-**artikolu 396),** u dan huwa proprju sabiex jigi evitat li ssir kawza gdida jew ohra); min naha l-ohra il-konnessjoni tal-kawza tezisti biss meta jkun hemm zewg kawzi separati u pendenti u l-Qorti jew it-Tribunal f'dan il-kaz tordna li jinstemghu flimkien jekk issib li huma konnessi, haga li certament li mhux il-kaz odjern, ghaliex il-konvenut ma pprezenta l-ebda kawza ohra kif hemm kontemplat skont l-**artikolu 402 tal-Kap. 12.** Ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## <u>II. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad ir-rikors tal-appell tal-konvenut datat 31 ta' Jannar 2011** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 11 ta' Jannar 2011, u tirrinvija l-atti kollha tal-kawza lill-istess Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar sabiex jittratta l-kaz u jiddeciedi l-istess skont il-ligi.

Bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell a karigu tal-konvenut appellant Philip Petroni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------